

# dawl frangiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

4
ĠUNJU
1981

## F'DIN IL-HARGA


| | |
|---|---|
| Editorjal: "Fejn Hemm Il-Mibegħda, Ħallini Nħeġġeġ L-Imħabba" | pag. 1 |
| "Ħdejn Il-Bir Ta' Ġakob" | " 3 |
| Patri Piju Dimech, Kapuċċin (1881-1981) | " 4 |
| Lis-Sekulari Franġiskani | " 6 |
| Quddiem Kristu Ma' San Franġisk | " 8 |
| Habari Gani? | " 10 |
| Santa Klara U San Franġisk | " 12 |
| Il-Qaddis Ta' Kulħadd | " 14 |
| Kif Nittakiljaw Problema | " 16 |


**KALENDARJU FRANĠISKAN** **ĠUNJU 1981**

12 ta' Ġunju: **Il-Beata Iolenta** (Soru Klarissa — II Ordni Franġiskan) — **Tifkira**

13 ta' Ġunju: **Sant' Antnin minn Padova,** saċerdot u duttur tal-Knisja.
**Għajn-Dwieli** — Titular tal-Knisja — **Solennita.**

14 ta' Ġunju: **Solennita tat-Trinita' Qaddisa**
**Marsa** — Titular tal-Knisja — **Solennita.**

18 ta' Ġunju: **Kalkara** — Dedikazzjoni tal-knisja
(18 ta' Ġunju, 1747) — **Solennita.**

25 ta' Ġunju: **Għajn-Dwieli** — Dedikazzjoni tal-Knisja
(25 ta' Ġunju, 1969) — **Solennita.**

28 ta' Ġunju: **Marsa — Albert Town**
I Ħadd fuq il-Festa tal-Qalb ta' Ġesu', issir il-Festa esterna — **Solennita**

30 ta' Ġunju: **Beatu Rajmondu Lull** (Martri tat-III Ordni) — **Tifkira**

Editur
Responsabbli:
**P. Philip Cutajar**
**Kunvent Tal-Kapuċċini**
**Floriana**
**Malta**
**Tel. 25525**

Stamperija:
**CharVin Press & Co. Ltd.**
**Factory 191,**
**Industrial Estate,**
**Luqa.**
**Tel. 784381/2**

# DAWL FRANGISKAN

**LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN**

L-EWWEL SENA — ĠUNJU 1981 — NRU. 4

# "Fejn Hemm il-Mibegħda, Ħallini Nħeġġeġ L-Imħabba"

Id-dinja trid tiżfen iż-żifna tal-mibegħda. Il-mibegħda fost il-bnedmin hija fattur li eżista minn dejjem. Il-Ktieb tal-Ġenesi jinnota l-presenza tagħha diġa fl-ewwel ġenerazzjoni umana (Ġen.4, 2-8) u l-Għerf għarafha fil-kitbiet tiegħu (Prov. 10,12; 14,20; 19,7; 26,24ss; Sir.20,8). Dwar dan il-Bibbja Mqaddsa tagħti l-ġudizzju tagħha. Il-mibegħda hija **ħażen,** frott tad-dnub, għaliex Alla ħalaq lill-bnedmin bħal "aħwa" sabiex igħixu fl-imħabba ta' xulxin. Il-każ tipiku ta' Kajjin jurina ferm ċar il-proċess tal-mibegħda: titwieled mill-għira, tinklina biex taħqar u tingan-na, sakemm tasal għall-qtil tal-aħwa.

Mill-istorja nindunaw li l-mibegħda ssegwi skema oħra li nsibuha wkoll fir-rakkont ta' Kajjin u Abel. Fil-ħajja ninnutaw li huwa proprju l-bniedem tajjeb u ġust li jsofri l-mibegħda. Il-bniedem ħażin jobgħod lill-bniedem ġust u jsir għadu tiegħu. Hekk kif għandna lil Kajjin kontra Abel, insibu wkoll lil Esaw kontra Ġakob, ulied Ġakob kontra Ġużeppi, l-Eġizzjani kontra Iżrael (Sal. 105, 25), is-slaten ħżiena kontra l-profeti (1 S1.22,8), il-barranin kontra l-midluk ta' Jahweh (Sal. 18;21), kontrar Sion (Sal. 129), kontra Ġerusalemm (Is. 60,15). U nibqgħu sejrin hekk: wieħed wara l-ieħor sakemm ġie Ġesu' Kristu, l-Iben t'Alla. Lil dan ukoll id-dinja tefgħet fuqu l-mibegħda tagħha: "...... id-dawl ġie fid-dinja, imma l-bnedmin ħabbew id-dlam aktar mid-dawl, għax l-egħmil tagħhom kien ħażin. Għax kull min jagħmel il-ħażin **jobgħod** id-dawl" (Ġw. 3,19-20). U sforz din il-mibegħda d-dinja kkundannatu għall-mewt tas-Salib. Ġesu', il-qaddej t'Alla, jaqa' vittma tal-mibegħda frott il-għira.

Kull min jimxi wara Kristu jistenna li tmissu l-istess xorti. Id-dixxipli jkunu mibgħuda: "u lilkom kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi" (Mt. 10,22). Għalhekk, "ħuti, tistagħġbux jekk id-dinja tobgħodkom" (1 Ġw. 3,13). Imma "ifirħu u aqbżu bil-ferħ" (Lq. 6,22) għax tunu qegħdin tixbħu lill-Mu-

lej tagħkom; ħlaskom kbir ikun fis-smewwiet (Lq. 6,22).

Quddiem din it-traġedja li minnha għaddejja d-dinja, Kristu jgħidilna u jurina kif għandha tkun ir-reazzjoni tagħna: "dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" (Ġw. 15,12). "Min jobgħod 'il ħuh, għadu fid-dlam" (1 Ġw. 2,9), u "kull min jobgħod lil ħuh hu qattiel, u intom tafu li ebda qattiel ma għandu fih il-ħajja ta' dejjem" (1 Ġw. 3,15). L-imħabba hija l-unika regula, l-akbar kmandament, anke quddiem l-għedewwa (Lq. 6,27).

Id-Divin sar uman fi Kristu Ġesu' u l-uman jintilef mingħajr id-Divin. L-insara kollha huma msejħin biex iwettqu din is-sintesi fid-dinja ta' madwarna, u dan permezz ta' l-imħabba: għax hekk għamel id-Divin-uman. Imħabba li trid tgħaddi mis-Salib: għax hekk għamel id-Divin-uman. Is-Salib li huwa l-espressjoni vera tal-imħabba li tgħolli l-uman għal stratosfera spiritwali. Dan hu **kmand** u mhux parir. Dan hu kmand li ma jafx qies, razza, kulur, klassi, partit, twemmin.

San Franġisk, id-dixxiplu perfett ta' Kristu, fittex dejjem li jgħix dan il-kmandament ta' l-imħabba. Il-kelmiet: **"fejn hemm il-mibegħda, ħallini nħeġġeġ l-imħabba"** kienu l-programm ta' ħajtu. Meta l-Qaddis t'Assisi jitkellem dwar l-imħabba lejn dawk li jobgħoduna, hekk iwissina: "Huma ħafna dawk li jingħataw għat-talb u d-devozzjonijiet, jiċċaħdu u jgħakksu 'l ġisimhom, imma mbagħad, imqar għall-iċken kelma li jħossuha tweġġagħhom jew minħabba xi ħaġa li tittieħdilhom, arahom malajr jitfixklu u jitħawwdu. Dawn ma humiex foqra fl-ispirtu; għax min hu tabilħaqq fqir fl-ispirtu, jobgħod lilu nnifsu u jħobb 'il dawk li jagħtuh bil-ħarta fuq wiċċu" (Twissijiet ta' S. Franġisk, n.14).

Infittxu li nagħmlu tagħna t-talba franġiskana: **"fejn hemm il-mibegħda, ħallini nħeġġeġ l-imħabba"**. Fuq kollox din hija espressjoni evanġelika, hija l-istess missjoni li Kristu nnifsu ġie jwettaq fostna u issa jrid lilna li nkompluha. Id-dinja qed tistenna lili u lilek biex bl-imħabba tagħna nkunu bħal "melħ fil-borma" li nagħtu togħma bnina lill-ħajja ta' madwarna.

"Mulej, dak li aħna ma naħfrux għal kollox, agħmel li naħfruh darba għal dejjem biex minħabba fik inħobbu tabilħaqq lill-għedewwa tagħna u nidħlu għalihom quddiemek bit-talb tagħna; ma nroddu 'l ħadd deni b'deni, u f'ismek nagħmlu ħilitna biex inkunu ta' għajnuna għal kulħadd" (S. Franġisk t'Assisi).

Il-Mulej jagħtikom is-Sliem.

*L-Editur*

# "HDEJN IL-BIR TA' GAKOB"

Ilarju Abela, kapuċċin

## Int Lhudi u jien Samaritana (Ġw. 4,9)

Il-Lhud u s-Samaritani kienu meqjusin bħala għedewwa ta' xulxin, għaldaqstant nistgħu naħsbu kif is-Samaritana laqgħat lil Ġesu' meta sabitu ħdejn il-bir tar-raħal. Għalkemm il-bidu tal-laqgħa tagħhom ma kellux ħjiel ta' ħbiberija, iżda fi tmiem il-laqgħa, s-Samaritana saret l-aqwa ħabiba ta' Ġesu'. Hi kienet l-ewwel ħabbara tal-Kelma ta' Alla fost is-Samaritani, mhux biss imma ħajrithom biex jiġu u jaraw lil Ġesu'. Is-Samaritani tant ħadu gost b'Ġesu' li talbuh jibqa' magħhom. Hu baqa' magħhom jumejn u ħafna emmnu fih. X'ġiel lis-Samaritana tbiddel fehemtha fuq Ġesu'? Għax fih rat li ma kienx bniedem bħal oħrajn, tant li qaltlu: 'Sinjur, milli qiegħed nara int xi profeta." U veru għax Ġesu' kien qalila kull ma kien għadda minn għaliha. U l-mara emmnet f'Ġesu' u Ġesu' ta l-ilma tal-ħajja, id-don ta' Alla: li hija wkoll issir waħda minn ulied Alla.

## "Agħtini nixrob" (Ġw. 4,7)

L-ilma kien il-punt prinċipali li fuqu dar id-diskors kollu bejn Ġesu' u s-Samaritana. Kemm Ġesu' u kemm is-Samaritana ħassew l-għatx, imma l-għatx tagħhom kien differenti wieħed mill-ieħor. Fil-waqt li Ġesu' talab biex jixrob għax veru ħassu bil-għatx, is-Samaritana talbet lil Ġesu' għax kien qalilha: "Min jixrob mill-ilma li nagħtih jien ma jaqbdu għatx qatt." (Ġw. 4,14) L-ilma li offrew lil xulxin għandu tifsira speċjal: dak ta' Ġesu' li jagħti l-ħajja ta' dejjem, jew aħjar il-grazzja ta' Alla, fil-waqt dak tas-Samaritana kien ilma komuni. Jekk l-ilma li offrew is-Samaritana u Ġesu' lil xulxin inħarsu lejh fit-tifsira spiritwali nistgħu ngħidu li s-Samaritana offriet dnubietha lil Ġesu', waqt li Ġesu' offra lis-Samaritana l-grazzja ta' Alla, b'hekk qalb is-Samaritana infetħet għajn ta' ilma li wassalha għall-ħajja ta' dejjem. Hekk ukoll jiġri fina kemm il-darba nersqu lejn Kristu. Kristu jagħtina nixorbu l-ilma biex nissaffew minn dnubietna u jkollna dritt li nissejħu aħna wkoll ulied Alla.

## "Ejjew araw bniedem li qalli kull ma għamilt" (Ġw. 4,29)

Kif wieħed li jsib xi teżor imur ixandar l-aħbar ma' pajjiżu kollu, hekk għamlet is-Samaritana li kienet sabet lil dak li sħaba kollha kienu qed jistennew: "Il-Messija". Is-Samaritana kienet qiegħda tistenna li tiltaqa' mal-Messija biex fil-waqt li tbiddel ħajjitha, jgħallimha kif għandha tqim lil Alla fis-sewwa. U Ġesu' qalilha: "Jien hu li qiegħed jitkellem miegħek." Għal dan il-kliem is-Samaritana ħalliet il-ġarra warajha u marret tħabbru f'pajjiżha. Aħna wkoll sibna lil Kristu u ħabbibna miegħu, imma kemm għad baqa' li għadhom ma jafuhx! X'sa nagħmlu, sa nibqgħu b'idejna marbutin u ma nħabbrux it-teżor li sibna? Kristu mhux xi ħaġa partikulari tagħna biss, imma ta' kulħadd. Għalhekk hemm bżonn li ħaddieħor jisma lehnu, biex kif xtaq Kristu: "Ikun hemm merħla waħda u ragħaj wieħed." (Ġw. 10,16) Inqumu minn ngħas tagħna. Issa huwa ż-żmien li nħabbru lil Kristu kull imkien, għax wasal iż-żmien li kollha flimkien ngħidu lil Alla: "Missierna li inti fis-smewwiet."

# Patri Piju Dimech Ex-Provincjal Def. Kapp.



# Lettur tat-Teologija u l-Ewwel Kappillan tal-Parrocca tal-Marsa [1913 - 1928]

Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap

Membru tal-O.F.S.

Sewwa sew fl-4 ta' Ġunju ta' din is-sena (1981) Patri Piju Dimech O.F.M. Kapp. jgħalaq mitt sena minn meta daħal fl-Ordni Franġiskan-Kapuċċini. Kien ħsieb għaqli wkoll li nfakkru din il-ġrajja billi Patri Piju barra li kien żina tal-Provinċja-Kapuċċina Maltija kien ukoll l-Ewwel Kappillan tal-Parroċċa llum Matriċi tal-Marsa.

Patri Piju twieled fix-Xewkija minn Ġanni Dimech u Marja mwieldha Farrugia u, ġie mgħammed fil-jum tat-twelid tiegħu nhar, l-24 ta' Diċembru 1863 mill-Kappillan Dun Pietru Pawl Bartolo (1859-1864). L-ismijiet tiegħu kienu ta': Ġużeppi, Mikeli u Manweli.

Mill-iskola Primarja tar-Raħal tax-Xewkija għadda għall-iskola Sekondarja tir-Rabat fejn kien mexa ħafna 'l quddiem fit-triq tat-tagħlim.

## JIDĦOL NOVIZZ KAPUĊĊIN U JSIR PATRI

Għadu daqxejn ta' żagħżugħ Ġużeppi ġietu l-ħajra li jidħol mal-patrijiet Kapuċċini, hekk li ta' 17-il sena fl-4 ta' Ġunju 1881 ġie mlibbes iċ-ċoqqa u l-kurdun ta' San Franġisk fil-Knisja ta' Santa Liberata fil-Kalkara Malta. Tawh l-isem ta' Fra Piju. Wara sena novizzjat għamel il-professjoni Sempliċi fl-4 ta' Ġunju 1882. Wara talb u studju Fra Piju għamel il-Professjoni Solenni fl-4 ta' Ġunju 1885. Fra Piju kien għamel ħiltu kollha biex iħares it-tliet voti reliġjużi tal-kastita, tal-faqar u tal-ubbidjenza. Wara l-istudji li wasluh bl-ikbar ġieħ għas-Saċerdozju kien ġie ordnat saċerdot fit-18 ta' Settembru 1886 mill-Isqof Kapuċċin Mons. Fra. Anton M. Buhagiar.

## L-EWWEL XOGĦOL FIL-PROVINĊJA KAPUĊĊINA

L-ewwel xogħol pastorali ta' Patri Piju kienu l-konfessjonarju u l-pulptu mnejn xerred il-kelma tal-ħajja. Mill-konfessjonarju Patri Piju fil-għerf tiegħu għaraf imexxi l-erwieħ fit-triq ta' l-Ispirtu. Ġewwa ħafna knejjes u parroċċa Patri Piju xandar il-kelma ħajja ta' Kristu minn fuq il-pulpti tagħhom. Fettxuh fuq kolox lil Patri Piju fl-Eżerċizzi Spiritwali — fl-Avvent u fir-Randan għax il-kelma tiegħu kienet tqanqal.

Patri Piju barra dan ix-xogħol Pastorali wettaq xogħol ieħor fil-provinċja, dak tat-tagħlim. Hekk li nsibuh Lettur tal-Filosofija u tat-Teoloġija. Patri Piju dam jgħallem lill-Istudenti Kapuċċini għal ħmistax-il

sesna. Meta kellu 36 sena ġie magħżul fil-Kapitlu tas-sena 1899 bħala Ministru Provinċjali. F'din il-kariga delekata Patri Piju kien ġie magħżul ukoll darbtejn oħra fis-snin 1903 u 1908. Mgr. Isqof G. M. Camilleri O.E.S.A. (1889-1925) għażlu wkoll bħala Eżaminatur Prosinodali.

## L-EWWEL KAPPILLAN TAL-PARROĊĊA TAL-MARSA 1913-1928

Meta l-knisja tas-S.S.ma Trinita' tal-Marsa saret Parroċċa b'digriet tat-12 ta' April 1913 ta' Mons. P.P. Pace (1889-1914) ġie magħżul bħala l-ewwel Kappillan Patri Piju Dimech O.F.M. Kapuċċin. Patri Piju saċerdot Franġiskan-Kapuċċin, f'din il-kariga li kien beda fis-19 ta' April u temm bl-unuri kollha sa mewtu li ġrat fit-8 ta' Ottubru 1928 ħadem bla heda għall-ġid tal-Erwieħ merħija f'idejh u tal-Parroċċa tal-Marsa. It-tmexxija għaqlija tiegħu fost in-nies tal-Marsa għadha magħrufa sal-lum. Patri Piju għadu fuq il-fomm tan-nies anzjani. Kollha jfaħħruh u jberkuh. Magħhom qasam il-ferħ u n-niket tiegħu. Il-fdal ta' dan l-ewwel Kappillan (1913-1928) jinsab fil-qabar tal-Kappillani f'nofs il-Kor tal-Knisja Parrokjajli u Matriċi tal-Marsa.



Nhar il-Ħadd, 5 ta' April 1981 ġie uffiċjalment miftuħ u mbierek il-Kunvent il-Ġdid tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini fil-Parroċċa ta' Marija Reġina, il-Marsa. Dan sar mill-General tal-Ordni Kapuċċin il-WRP Paschal Rywalski li f'dawk il-ġranet kien qed iwettaq il-ħames żjara tiegħu fil-Provinċja tagħna. F'diskors li l-W.R.P. General għamel għall-okkażjoni, huwa faħħar u rringrazzja x-xogħol li wettqu l-patrijiet membri tal-komunita tal-Marsa, Marija Reġina li bil-għajnuna ta' diversi parruċċani rnexxielhom iġibu fit-tmiem il-bini ta' dan il-kunvent, li fid-dehra u s-sempliċita' tiegħu, temm igħid P. Paschal Rywalski, huwa tassew "dar franġiskana".

# BIEX NIRNEXXU FIL-HSEBIJIET TAGHNA

Għeżież Ħuti Franġiskani,

Min hu normali, jinkedd meta ma jilħaqx l-għanijiet tiegħu. Jekk nifthu għajnejna, rridu naraw: jekk nifthu widnejna, rridu nisimgħu: jekk naqbad il-karrozza għall-Mellieħa, irrid nasal il-Mellieħa. La jkolli għan f'moħħi, irrid nasal għalih.

Magħkom ħuti franġiskani, nitkellem fuq l-għanijiet franġiskani tagħna. L-ewwel u l-aqwa wieħed għalina, bħala "KOLLETTIVITA", bħala "ARMATA BAJDA", bħala "MOVIMENT FRANĠISKAN", bħala "FAMILJA FRANĠISKANA", huwa li niżirgħu u li nikkultivaw il-PAĊI għall-ĠID ta' kulħadd. Hemm bżonn nagħmlu l-almu kollu tagħna, biex għan nobbli u siwi bħal dan naslu għalih.

Kif naslu għalih? — L-ewwel insara, bil-komunita' żgħira li iffurmaw ġewwa Ruma, infiltraw f'kull taqsima ta' l-Imperu Ruman, li dak iż-żmien kien imxerred ma' l-Ewropa kollha u ma' ħafna artijiet mill-Afrika u mill-Lvant Nofsani u xerrdu għalhekk malajr l-Evanġelju ta' Ġesu' Krirstu u l-Knisja Tiegħu.

Kif irnexxihom jagħmlu dan? Ħaddmu tlett armi: emmnu fl-użu tat-talb effettiv: trawmu u lestew rwieħhom għas-sagrifiċċji: ħadmu kemm felħu onestament, biex ma' l-aċċetazzjoni tax-xogħol tajjeb tagħhom, kienu jaraw aċċettat ukoll l-ispiritu nisrani li biħ kienu jaħdmu b'abbundanza ta' frott tajjeb għall-komunita' kollha.

Għandna bżonn naddottaw dawn it-tliet mezzi aħna wkoll, fil-missjoni tagħna li rridu niżirgħu, inħarsu u nxerrdu l-PAĊI U L-ĠID GĦAL KULĦADD U FOST KULĦADD.

NITOLBU: Talb vokali: quddies, rużarji, Via Sagra, eċċ. Xi ħaġa iżjed, TALB MENTALI: naħsbu kemm nifilħu fuq Alla, fuq il-qaddisin, fuq il-veritajiet eterni, fuq il-virtujiet li għandna bżonn għall-vokazzjoni u għall-istat partikulari tagħna.

MA NAĦARBUX IS-SAGRIFIĊĊJI: Inħarsu spiss lejn San Franġisk Missierna. Ma' San Franġisk Missierna, inħarsu spiss lejn Ġesu' priv minn kollox f'Betlem: magħluq fit-Tabernaklu: IFFLAĠELLAT, IMBENĠEL KOLLU, IMDENDEL FUQ IS-SALIB.

NAĦDMU KEMM NIFILĦU ONESTAMENT, b'mod li min jarana, jinduna li aħna mhux nitolbu biss u NITGĦAŻŻNU, iżda NITOLBU U NAĦDMU: U NAĦDMU B'KUXJENZA DELIKATA li rridu nagħtu x-xogħol kollu li nistgħu u nagħtuh mill-aħjar li jista' jkun, kemm jekk xogħol materjali u kemm, wisq iżjed, jekk xogħol spiritwali.

Naddottaw dal-programm ta' xogħol u naslu tajjeb ħafna għall-għanijiet qaddisa tagħna.

INSELLMILKOM. PAĊI U ĠID LIL KULĦADD.

*Patri Feliċjan Bilocca, Kapp.*
*Ass. Prov.li tal-O.F.S.*

# Kumment tar-Regula ta' l-Ordni Frangiskani Sekulari

# TFASSIL TA' HAJJITNA

*Test*: "Ir-Regula u l-Ħajja tas-sekulari franġiskani hija din: li josservaw l-Evanġelju tas-Sinjur tagħna Ġesu' Kristu, skond l-eżempju ta' San Franġisk t'Assisi, li fi Kristu ra l-ispiratur u ċ-ċentru tal-ħajja tiegħu m'Alla u mal-bnedmin." (Kap. 2, parag.4)

*Riflessjonijiet*: -

1. L-EVANĠELJU GĦANDU JKUN IR-REGULA U L-ĦAJJA tagħna l-Franġiskani. Hemm fih il-prinċipji li fuqhom għandna nfasslu ħajjitna, biex ngħixu l-ħajja nisranija fil-milja tagħha, dil-ħeġġa tkun ta' ġid għalina u ta' ġid spiritwali għal dawk kollha li jarawna ċittadini u ħaddiema tajbin kif insiru meta nosservaw it-tagħlim ta' Ġesu' Kristu, kif insibuh fl-Evanġelju Mqaddes.

Iżda fl-Evanġelju għandna wkoll il-virtujiet ewlenin li bit-twettiq tagħhom aħna nwettqu tassew il-messaġġ li tana Sidna Ġesu' Kristu: *il-faqar ta' l-ispirtu* (kuntenti bin-neċessarju, waqt li iż-żejjed inħaddmuh jew inqegħduh fil-Banek ħalli jinħadem b'risq oħrajn bżonnjużi): *il-manswetudini* (bl-umilta' kollha ma neħdux għalina, meta jonqsuna, lesti bil-kalma kollha għal kull sagrifiċċju li jkollna bżonn naċċettaw għas-suċċessi spiritwali): *għatxanin għall-ġustizzja* (nirsistu għall-prattika tal-ġustizzja soċjali, biex kull bniedem u bniedma jiksbu u jgawdu d-drittijiet tagħhom): *sensibbli* (miżerikordjużi) għall-bżonnijiet ta' ħaddieħor (inkella ma nippratikawx il-karita', li tridna nagħmlu ġid ma' kulħadd): *paċifiċi u paċifikaturi* (ngħixu l-paċi aħna stess u niżirgħuha kull fejn nistgħu): *sodi w qawwija* (forti) fil-persekuzzjonijiet, li d-demonju jqanqlilna żgur kontra tagħna, biex ma jħalliniex insiru "EVANĠELIĊI", segwaċi ta' Ġesu' Kristu.

2. SKOND L-EŻEMPJU TA' SAN FRANĠISK: San Franġisk għażel l-Evanġelju bħala l-"guide-book" tiegħu: iddeċieda li jaqrah u jistudjah kemm jiflaħ, għaliex emmen li l-awtur tiegħu kien ALLA-MAGĦMUL BNIEDEM: emmen għalhekk li kien fih il-Kelma diretta t'Alla ,li ebda kelma oħra, ukoll ta' l-għorrief kollha flimkien, ma tista' tikkompara magħha. U nsista li hu stess u d-dixxipli tiegħu kollha, josservawh, kif kien iħobb jgħid, "mingħajr glossa", jiġifieri mingħajr ħafna interpretazzjoni astrartti u akkademiċi, li jneħħu ħafna mill-oriġinalita' tal-kelma t'Alla miġbura fih.

San Franġisk għamel hekk, għaliex b'hekk biss ħass li kien jista' jimita tassew lil Ġesu' Kristu: jaf il-kelma tiegħu, jeħodha fis-safa tagħha u jipprattikaha bl-ikbar eżatezza.

*Konklużżjoni Prattika*: - Naqraw kuljum biċċa mill-Evanġelju: nieqfu, biex bil-ġabra kollha nixtarruha sewwa, naraw kif osservaha San Franġisk, biex nippruvaw nosservawha tajjeb aħna wkoll.

# Meditazzjoni Hafifa

# Quddiem Kristu

Moħħna jista' jingħaqad ma' moħħ Alla biex moħħna jiġi mħarrek biex jaħseb skond il-fehma ta' Alla. Ukoll ir-rieda tagħna tista' tingħaqad mar-Rieda ta' Alla biex nitħajjru nixtiequ dak li jrid Alla. Alla tana r-rieda biex nagħżlu dak li rridu — dak li naħsbu li huwa tajjeb għalina.

Irridu ngħixu. Irridu ngawdu. Irridu nifirħu. Meta niġu bejn ħaltejn — nagħżlu dak li naħsbu li jkun l-aħjar għalina. Jekk naraw ħaġa li ser iġġielna nbatu, li ser nitilfu xi ħaġa milli għandna — ma ngħażluhix. Bir-rieda tagħna ngħażlu dak li jaqblilna. Iżda nafu li ħafna drabi dak li ngħażlu wara ftit jġielna nbatu — idejjaqna, ma jibqax ikun jaqblilna. Lanqas fir-rieda tagħna ma naslu biex ngħażlu dak li jgħamlilna l-ġid.

Fiż-żmien li ngħaddu quddiem Kristu — f'meditazzjoni — jibda jgħaddi minn moħħna dak li nixtiequ. Quddiem Kristu nibdew nixtiequ li nagħmlu dak li jrid Ala minna. Inkunu lesti għal kollox — anki għat-tbatija. Basta jkun dak li jrid Alla. Irrid il-maħfra — Alla jrid jaħfirli wkoll. Irrid il-ferħ. Irrid il-ħajja u s-saħħa. Irrid il-għerf. Dawn kollha jaqblu mar-rieda ta' Alla.

Irrid il-qdusija. Irrid li nkun qaddis bħalma Qaddis Hu Alla.



Billi fil-meditazzjoni nidħol fil-profond, wkoll ir-rieda trid tkun profonda. L-ewwel nitħajjar, imbagħad, inżid fil-ħajra billi nibqa' nitħajjar aktar sakemm naqtagħha li *nagħmel* dak li kont tħajjart biex nagħmel. Hawn ma tibqax ħajra iżda ssir ħajja ma tieqafx — tibqa' sejra u ssir aktar matura.

Jekk fil-meditazzjoni nitħajjar biex insir qaddis — Kristu bl-eżempju tiegħu kkaxkarni. Dak li nara qud-

# ma' San Frangisk

diemi jkun Kristu. Il-ħsieb iqawwili r-rieda biex nagħmel bħalU.

Kristu hu Alla u bniedem. Int bniedem biss. Tista' terġa' lura u ma tibqax trid li tgħix ħajja qaddisa. Bniedem int.

Il-bniedem bil-ħsieb irnexxielu jgħamel ħwejjeġ li bnedmin oħra qablu ma għamlux. Wasalna li nistgħu ninqatgħu mill-art bl-ajruplan u issa ħrieġna barra wkoll bir-rockets u bix-shuttle. Il-bniedem ħaseb ftit aktar milli ħasbu ta' qablu, bħal Gallileo u kompla Einstein. Jaħsbu fuq li jaħsbu u wasalna.

Bnedmin qabilna waslu biex isiru qaddisin billi għamlu minn kollox biex jixbħu lil Kristu. L-Appostli għallmu bħalma għallem Kristu u ssoktaw il-ħajja li bdielhom Kristu b'rieda mwettqa u msaħħa fir-Ruħ tal-Qdusija li ħadu mingħand Kristu.

San Franġisk u ħutu l-oħra jagħmlulna l-qalb biex nitħajru aħna wkoll ngħixu bħalhom jiġifieri bi Kristu dejjem quddiemna, ħajjitna kollha.

Il ħin kollu, mhux fi żminijiet maqtugħa biss. Jekk fiż-żmien li nkunu qed nippruvaw ngħaqqdu r-rieda tagħna ma' dik ta' Alla inħossuna tajbin, nitħajru żgur li nibqgħu f'din l għaqda mhux għal żmien qasir biss — tal-meditazzjoni — iżda ħajjitna kollha. Il-ħin kollu. Meta nħossuna tajjeb — nіżżuħajr lil Alla. Meta nkunu qed inbatu — nindunaw li anki Kristu — Bin Alla — bata.

Iżda Alla ngawdu jridna. Dgawdija mhux għal żmien biss iżda għal dejjem — il-ħin kollu — mingħajr tmiem.

Il-Mulej jagħtik is-Sliem.



# HABARI GANI?

## [X'Ghandna?, Kif Inti?]

# GHAD-DAQQ TAT-TANBUR

Frans Baldacchino, kapuċċin

Min xi darba kellu x-xorti jismani ndoqq jew inkanta jaf li fil-missjoni ftit huma dawk li jistgħu jiktbu dwar il-kant daqsi.

Fil-Kenya festa mingħajr mużika hi mejta u bla sens. Mhux se jkun hemm tieġ u ma jġibux l-għarajjes bil-kant u d-daqq tat-tnabar, u t-tamburlini. Wara t-tieġ, imbagħad proċessjoni bil-kant u d-daqq sad-dar ta' l-għarus; u l-ħbieb, ġirien u mistednin iqattgħu l-lejl ma' l-għarajjes u nieshom fiż-żfin u l-kant.

Ebda funeral ma jsir mingħajr il-kant tar-raħal kollu fid-dar tal-mejjet, fuq il-qabar u terġa' fid-dar tal-mejjet. Il-biċċa l-kbira jkunu innijiet reliġjużi ta' tislima lill-mejjet. Jistgħu jdumu sejrin hekk għal tlett ijiem, bil-ħsieb li jfarrġu lil niesu.

Hawnhekk, jekk tmur fir-raħal ħlief mużika ħierġa mill-ħwienet ma tismax; jekk tmur is-suq, kant u tnabar, u jekk titla' fil-karrozza tal-linja għandek minn fejn issib ruħek taħt il "loudspeaker" li, minn x'ħin titlaq sa ma tasal, jifqagħlek it-tnabar ta' widnejk bid-daqq tad-diski.

Mhux hekk biss, imma fuq ix-xogħol, għal kull xejn ħaddiema jaqbdu jkantaw ilkoll flimkien, u l-biċċa l-kbira jkantaw l-innijiet tal-knisja. Mhux ta' b'xejn li darba laqgħu lill-President bil-kant tas-'Sanctus', u lill-Viċi President bl-innu tal-Offertorju.

Jekk trid tiġbed iż-żgħażagħ kull ma għandek tagħmel hu li tifforma kor, tixtrilhom żewġ tnabar, xi tamburlin u xi ċekċieka, u tagħtihom chance ikantaw fil-knisja.

Quddiesa tiegħu madwar siegħa u nofs, għax kull parti li tista' titkanta, ikantawha. Mhux hekk biss, anzi jekk jitgħallmu innu ġdid, minflok ma jibdluh ma' ieħor qadim, iżiduh ma' dawk tas-soltu; u l-lista dejjem titwal.

Knisja titqies bħala serja u organizzata mill-kor li jkollha. Kull meta nifformaw kor, il-membri stess jagħżlu membru u jaħtruh surmast. Dan dlonk taraħ jikkomponi versi u mużika u jadatta innijiet għal kull okkażżjoni. Jekk idejjaqhom, jagħżlu ieħor minn floku, u dan ma' l-għażla jsir surmast prim.

Imqar fil-qasam soċjali, il-kant u ż-żfin huma mportanti ħafna. Kull meta jiġi bniedem prominenti fir-raħal, il-korijiet ta' l-iskejjel, tal-knejjes u tan-nisa xjuħ ikunu mistednin biex ikantawlu. Jekk in-nies ikunu jridu jgħidulu jew jitolbuh xi ħaġa, dan jagħmluh billi jinsġu innu bi kliem adattat għal din it-talba.

Għall-Kenyani l-Quddiesa hi esperjenza personali. Ma jmorrux il-knisja biss biex jitolbu, imma jridu jħossu l ferħ tal Ħadd. Jiċħdu gost ikantaw, idoqqu, iċapċpu u jiżżegilgu mar-ritmu tal-mużika. Jieħdu pjaċir jitolbu flimkien, jagħtu l-offerta waqt il-għbir, u jifirħu waqt li jiltaqgħu ma' nieshom u jieħdu b'idejn ħbiebhom. Il-quddiesa tal-Ħadd tiġbor dan kollu f'daqqa.

L-Insara tiegħi jemmnu wkoll li l-kant ta' waqt il-Quddiesa jista' jwassal messaġġ ta' konverżjoni l-istess bħal ma tista' twasslu talba jew priedka. Għalhekk qatt ma rnexxieli nikkonvinċihom iqassru xi ftit mill-innijiet tal-Quddiesa. L-istrofi kollha nkitbu biex jitkantaw!

# IL-MAULIDI

LAMU: Gżira żgħira u antika. Bħalissa qed nipprova nkun appostlu ma' dawn in-nies. Hu ftit diffiċli għax il-kotra huma Musulmani. Imma li nkun ta' eżempju ta' ħajja nisranija qalb dawn in-nies minn tagħna għall-aħħar, xejn ma hu diffiċli.

Kont għadni kif wasalt hawn u mill-ewwel sibt festa bil-kbir. Niftehmu mhux għax wasalt jien imma l-Festa tal-Maulidi, hi festa ferrieħa u kollha kuluri u tiġi ċelebrata f'medda ta' ġurnata. Din ma għandiex jum fiss fis-sena imma hu dekretat li ssir fis-sitt xahar wara r-Ramadhan. Fejn hemm numru kbir ta' Musulmani dejjem joservaw dan il-jum b'ħafna kant u żfin.

U Lamu hi ċentru Musulman ta' tagħlim għall-Afrika Musulmana ta' l-Lvant. Wieħed mill-aqwa ġrajja f'din il-gżira hi l-Maulidi li kull sena ġġib xi 30 elf Musulman f'Lamu biex jiċċelebraw din il-ġrajja. Tant hi popolari din li-Festa li kull sena n-numru qed ikompli jiżdied u jikber. Fejn joqogħdu? Hawn 23 Moskea u ħafna mill-eluf ta' nies li jiġu jkollhom jorqdu f'xi waħda minnhom.

Xi jumejn qabel il-Mauldii sar żfin quddiem il-famuża Moskea jisimha 'Riyadha' li hi fil-qalba ta' Lamu. Dan il-kant kien akkumpanjat minn daqq ta' tnabar u tamburini. F'dawn il-jiem ta' tħejjija sar ukoll il-qari tal-Maulidi bħala tħejjija għall-Birthday tal-Profeta. Din il-Maulidi hi elogju tal-ħajja eżemplari tal-Profeta Mawmettu.

Il-kant kollu sar madwar il-Moskea. L-irġiel libsin il-'Khanzu' abjad u Kofias, u n-nisa moħbija minn rashom sa saqajhom fil-buibui iswed tagħhom. Imma kemm l-irġiel u kemm in-nisa jkunu kollha għalihom. Fl-Islam din hi regola strettissima u għall-ebda raġuni ma tiġi mibdula jew adattata. Imma kulħadd kien ferħan ikanta u jiżżegleg mar-ritmu tat-tnabar u fifri. Isir ukoll il-kant tal-'kasidas'; din hi għanja ta' tifħir lill-Profeta.

Għal fil-għaxija mbagħad saret it-tiġrija tad-'dhows'. Dawn huma speċi ta' kajjikki kbar ħafna u bi qlugħ mill-kbar nett.

Diskorsi twal u qawwija jżommu lil kulħadd imsammar f'postu sa ma jibda jisbaħ. Pero' qabel telqu kulħadd ġie mbierek bl-ilma li huma jsejħulu marashi.

Fil-jum propju ddestinat għall-festa tal-Maulidi, eluf u eluf ta' Musulmani sebħu jduru mat-toroq dojoq u żgħar ta' Lamu. Ħafna minnhom kellhom f'idejhom bandalori bi kliem reliġjuż. F'xi ħin minnhom inġabru lkoll u marru jżuru l-oqbra ta' personalita' kbar Musulmani. Ħafna minn dawn il-mejtin, jgħidulek li huma dexxendenti tal-Profeta Mawmettu u msejħa 'Sherif'. Din il-proċessjoni tissejjaħ Ziara. Wara ż-żjara jiġu fil-belt min-naħa tal-baħar fost kant, żfin u ferħ ieħor. Huma jaslu quddiem il-Moskea eżatt għat-talba ta' fil-għaxija.

Osservajt li ħafna rġiel kienu libsin libsa twila bajda u nuċċali tax-xemx. Staqsejt għalfejn in-nuċċali. Qaluli xi wħud jilbsuh imħabba x-xemx, oħrajn għax jidru puliti u oħrajn għax jistħu biex jgħattu wiċċhom.

Imma Lamu gżira żgħira u n-nies jafu lin-nies.

**Fr. Robert Brett**

## CHARITY

*Charity* is a presence. We must not only give, but give of ourself.

*Charity* is the spring of God's justice.

*Charity,* that knows neither class, nor caste, nor race.

*Charity,* that breaks down frontiers.

*Charity,* that rejects warfare.

*Charity,* stronger than death.

*Charity* can conquer everything and heal everything.

## ROKNA TA' SORELLA CHIARA

# Santa Klara u San Franġisk

Dawn iż-żewġt erwieħ magħżula kienu minn dejjem marbutin flimkien. Santa Klara ma setgħet qatt tasal fejn waslet mingħajr l-għajnuna ta' San Franġisk u lanqas dan ma setgħa jagħmel dak kollu li għamel mingħajr Santa Klara. Jekk hu kien l-Imgħallem per eċċellenza li fetaħ quddiemha t-Triq Evanġelika, hija kienet d-dixxipla l-iktar fidila li nkarnat bl-akbar perfezzjoni l-ispirtu u l-ideal tiegħu. Permezz tagħha twieled il-moviment tal-ħajja evanġelika fl-ordni femminili. Fiha, San Franġisk sab ukoll dik il-għajnuna u dak il-kuraġġ li kulħadd ikollu bżonn meta jagħti bidu għal xi ħaġa kbira. Kull bidu huwa diffiċli.



San Franġisk kien għad ma kellu ebda sieħeb meta diġa ħabbar il-missjoni ta' Santa Klara u sħabha. Dan tgħidulna Santa Klara stess fit-testment tagħha, "F'dak iż-żmien meta l-qaddis Missierna kien għadu waħdu mingħajr aħwa jew sħab għamel din il-profezija fuqna, waqt li kien qed jibni l-knisja u l-monasteru ta' San Damjna: 'Ejjew għinuni nibni dan il-monasterju għax hawn għad jiġu joqgħodu nisa li l-ħajja tagħhom ser tagħti glorja lill-Missier tagħna tas-sema u lill-Knisja kollha'.

Hekk ġara tassew. Meta n-nies kollha ta' Assisi baqgħet mistagħġba bil-bidla li kienet saret f'San Franġisk, kif minn żagħżugħ mogħti għad-dinja iġġennen wara l-faqar assolut ta' Kristu, Klara bdiet tħares lejh mill-bogħod. Kellha biss tlettax-il sena, hu kellu 24 sena. Minkejja d-differenza tal-familja tagħha (Majores) għal dik ta' Franġisku (Minores) Klara ma qieset xejn. Hi timmira dejjem li xi darba tkun tista' tagħmel dak li qed jagħmel hu. Għax dak il-faqar assolut, is-sigħat sħaħ ta' talb li kien jgħaddi, il-kliem mimli ħeġġa li kien joħroġ minn fommu, il-karita li hu u sħabu kellhom għal xulxin, dan kollu seraq il-qalb ta' Klara. Xtaqet tmur tkellmu. Anki San Franġisk xtaq

jiltaqa' magħha. Nistgħu naħsbu li Frate Rufino, kuġin ta' Santa Klara, kemm-il darba tkellem fuqha ma' l-imgħallem tiegħu, San Franġisk, u dan ried jinqeda biha bħala strument magħżul biex minnu joħroġ il-frott li xtaq. L-oġġett tal-laqgħat tagħhom kien Alla. Fuqu kienu jitkellmu. Ma setax ikun mod ieħor. Mill-ewwel Santa Klara inxeħtet b'ruħha u qalbha taħt id-direzzjoni tiegħu, toqgħod għal kulma kien jgħidilha. Permezz tiegħu, Santa Klara għarfet għal-liema triq il-Missier tas-sema kien qed isejħilha. Diġa għidna kif, biex tilħaq l-iskop tagħha u tmur wara S. Franġisk, id-deċidiet li taħrab mid-dar għaliex ma kienx hemm mezz ieħor, billi l-familja tagħha żgur li qatt ma kienu se jħalluha tagħżel ideal ta' bniedem bħal Franġisku li għalihom kien baxx.

U hemm fil-Monasterju ta' San Damjan tefgħet l-ankri ta' ħajjitha. Ħafna oħrajn marru jgħixu magħha, fosthom oħtha stess, Anjeze. L-eżempju ħaj ta' Santa Klara kien bħal kalamita li jiġbed u jsaħħar. U hekk seħħet ukoll il-profezija li kien għamel San Franġisk.

Issas Klara u Franġisku setgħu jgħixu l-istess ħajja b'differenzi ċkejknin. L-imħabba għal Ġesu' fuq is-salib kienet timbuttahom u issuqhom f'ġirja waħda. Il-kliem tagħha lis-Sorijiet kien jinstema bħal eku ta' dak li kien joħroġ mill-qalb imkebbsa ta' San Franġisk: 'Hemm bżonn li nħobbu ħafna l-imħabba ta' DAK li ħabbna tant'.

Jekk hi tat ruħha biex tgħix fil-penitenza, dan għamlitu fuq l-eżempju u skond it-tagħlim tiegħu. Fit-testment tagħha tgħidilna ċar li San Franġisk kien li urihom (lilha u s-sorijiet tagħha), bil-kelma u l-eżempju, dik it-triq li l-Iben t'Alla kien għażel għalih innifsu. Tant xorbot l-ispirtu ta' San Franġisk, li fir-regola li kitbet għas-Sorijiet iktar minn 20 sena wara l-mewt tal-fundatur, inħossu l-qalb ta' San Franġisk tħabbat fil-kitba tagħha. Iż-żewġ regoli, kemm dik li hu kiteb għall-patrijiet Minuri, u dik li kitbet għas-Sorijiet kienu mibnija fuq l-istess ħsibijiet, u l-istess spiritwalita, dwar dik li hija awtorita', karita fil-komunita, ubbidjenza lejn il-Knisja, ix-xogħol, u fuq kollox il-virtu tal-FAQAR.

San Franġisk kien ried lil Santa Klara u sħabha jħaddnu l-faqar b'mod l-iktar strett. Huwa jgħidilhom "Nitlobkom, dami tiegħi, "my ladies", biex dejjem tgħixu din il-ħajja l-iktar qaddisa ta' faqar. Oqgħodu attenti li ma titbegħdux qatt minnha u taċċettaw ebda duttrina oħra minn ta' ħaddieħor, barra minn dan li qed nagħtikom jien." U dan kien li Santa Klara u sħabha wara l-ħitan imbierka ta' San Damjan irsistew biex jagħmlu. Filwaqt li xi wħud mill-patrijiet kienu qed iġagħlu lil San Franġisk isofri minħabba n-nuqqas ta' fedelta lejn il-faqar, is-Sorijiet baqgħu jgħożżu dejjem il-ħsiseb teigħu, u jqegħduh fil-prattika.

Soru Klarissa

---

# SAN FRANGISK JIKTEB LIL SANTA KLARA...

## GĦAMLA TA' ĦAJJA

Għaliex intom, imnebbħin minn Alla, sirtu wlied u qaddejja tas-Sultan il-Kbir u l-Aktar Għoli, il-Missier tas-sema, u tgħarrastu ma' l-Ispirtu s-Santu bl-għażla li għamiltu li tgħixu kif titlob il-perfezzjoni ta' l-Evanġelju Mqaddes, irrid u nwiegħed li, kemm jien stess kif ukoll permezz ta' ħuti, nibqa' dejjem nieħu ħsiebkom bil-għaqal kollu u nuri lejkom, bħalma nuri lejn ħuti, ħerqa waħdanija.

## L-AĦĦAR RIEDA

Jien, iċ-ċkejken fra Franġisk, irrid ngħix il-ħajja u l-faqar ta' l-Aktar Għoli ,il-Mulej tagħna Ġesu' Kristu, u ta' l-Omm l-aktar qaddisa tiegħu, u nibqa' ngħixha sa l-aħħar. U lilkom, sidien tiegħi, nitlobkom u nagħtikom il-fehma tiegħi biex tgħixu dejjem f'din il-ħajja l-aktar qaddisa u fil-faqar imqaddes. U oqogħdu b'seba' għajnejn li, minħabba t-tagħlim jew il-fehma ta' xi ħadd ieħor, ma titbiegħdu xejn minnha.

# IL-QADDIS TA' KULHADD

Inti hu tielgħa t-telgħa ta' Kordin min-naħa tal-Marsa jew minn Bormla titla' t-telgħa ta' Għajn Dwieli għandek tiltaqa' ma' Knisja sabiħa, kważi ġdida, id-dedikata lil Kbir Qaddis Sant' Antnin ta' Padova.

Il-bidu tad-devozzjoni lejn dan il-Qaddis f'din in-naħa ta' Raħal il-Ġdid bdiet meta disa' u għoxrin sena ilu il-Provinċjal tal-kapuċċini bi ftehim ma' l-Arċisqof fetaħ dar fi triq Għajn Dwieli. Għall-bidu kienet in-bniet kappella żgħira ħafna. In-nies mill-ewwel laq-għu lill-patrijiet u bl-għajnuna ta' kulħadd ftit wara inbniet kappella ftit ikbar. Iżda xorta waħda baqa' l-problema ta' l-ispazju — għax in-nies tant apprezzat u rat il-ħtieġa li bdew jiġu bil-ħafna. Għahekk iktar tard wara li l-Provinċjal akkwista l-art inbniet knisja ġdi-da — li n-nies sal-lum għadhom isejħulha: 'il-knisja tal-mirakli' — għax ħadet biss sena biex titlesta.



Din il-knisja qegħda ċentru. Barra l-ħafna nies li hemm madwarha — insibu wkoll il-fabbriki, id-dry-docks, il-ħabs, l-iskejjel u issa wkoll il-Moskea tal-musulmani u dawn kollha jaqblu mal-ħajja ta' Sant' Antnin — il-ħajja franġiskana tiegħu.

IL-ĦADDIEM: Sant'Antnin ried ikun qaddej tas-soċjeta' l-fqira. Kieku kien jgħix illum żgur li kien imur fil-fabbriki, fit-tarzna jitkellem mal-ħaddiem jew mal-baħħara biex jgħamillhom kuraġġ ħalli ma jaqt-għux qalbhom mix-xogħol li kultant ikun iebes. Sant' Antnin dejjem xtaq ikun ħaddiem fost il-ħaddiema — ried pero' jkun ħaddiem qaddis biex ikun jista' jwas-sal lil Kristu.

L-ISKOLA: Sant' Antnin kien iħobb u dejjem għin lil min ma kienx jaf skola. Ried li l-bnedmin ju-żaw l-għerf biex isiru jafu iktar 'l Alla.

IL-ĦABSIN: Sant' Antnin kien iħobb u dejjem għin lil dawk li fis-soċjeta' waqgħet fuqhom xi diz-grazzja. Fost dawn hemm il-ħabsin. Żgur li Sant' Ant-nin jgħin illum lil dawk li qegħdin fil-ħabs li hemm quddiem il-knisja tiegħu f'Kordin.

IL-MORDA: Għal San't Antnin il-morda huma l-kolonni tal-knisja jew aħjar it-teżor tal-knisja. Żgur li Sant' Antnin ibierek iċ-Ċentru tar-riabilitazzjoni li hemm ukoll quddiem il-knisja tiegħu.

IL-MUSULMANI: Bħalma għamel u xtaq mis-sieru San Franġisk, Sant' Antnin xtaq ħafna u ħadem kemm felaħ bit-tagħlim tiegħu biex titwettaq l-għaqda

fost il-knejjes. U allura żgur li iħares lejn il-moskea l-ġdida li nbniet quddiem il-knisja tiegħu ġewwa Kordin u jgħamel minn kollox biex issir l-għaqda — biex il-popli kollha fid-dinja jagħrfu lil Kristu bħala s-salvatur — ħalli fid-dinja jkun hawn merħla waħda taħt Ragħaj wieħed.

Kun int ukoll devot ta' dan il-Kbir Qaddis. Agħmel bħalu: ħobb lil Kristu u lill-Knisja. Jekk qatt ma' ġejt tinviżtah fil-Knisja tiegħu ta' Għajn Dwieli — ejja din is-sena waqt li qegħdin infakkru s-seba' mija u ħamsin sena mill-mewt tiegħu jew aħjar mid-dħul teigħu fis-sema.



*Knisja tal-Franġiskani-Kapuċċini ddedikata lil Sant' Antnin f'Għajn Dwieli, Raħal Ġdid.*

**Il-festa sejrin niċċelebrawha nhar is-Sibt, 13 ta' Ġunju b'dan il-programm:**

Il-Ħadd, 7 ta' Ġunju. — L-Ewwel Tqarbina. (Fl-10.00 a.m.).

It-Tnejn, 8 ta' Ġunju — Quddiesa mill-Papas tal-Griegi Kattoliċi (fis-6.30 p.m.).

It-Tlieta, 9 ta' Ġunju — Quddiess mit-tliet Provinċjali Franġiskani (fis-6.30 p.m.).

L-Erbgħa, 10 ta' Ġunju — Vestizzjoni ta' l-Abbatini (fis-6.30 p.m.).

Il-Ħamis, 11 ta' Ġunju — Tberik tat-tfal (fis-6.30 p.m.).

Il-Ġimgħa, 12 ta' Ġunju — Lejlet il-Festa, Għasar u Quddiesa (fis-6.15 p.m.).

Is-Sibt 13 ta' Ġunju — Nhar il-Festa. Quddiesa Solenni (fis-6.30 p.m.). Ikun fiha t-tberik u t-tqassim tal-Ħobż ta' Sant' Antnin.

# NIRRINGRAZZJAW

- lil dawk kollha li b'ġest ġeneruż qegħdin jgħinu fil-pubblikazzjoni ta' din ir-Rivista **bl-offerti tagħhom.** L-ispejjeż huma kbar,
- lil dawk kollha li b'inizjattiva persunali qed isibu persuni oħra **biex jabbonawhom f'din ir-Rivista.** Kull ma jmur in-numru ta' abbonati qed dejjem jikber.
- lil dawk kollha li kitbulna **ittri ta' apprezzament w inkorraġiment** għall-pubblikazzjoni ta' din ir-Rivista.
- lil dawk kollha li qed ikunu ta' għajnuna kbira bit-**talb** tagħhom.
- lil dawk ukoll li qed jibgħatulna **artikli tassew interessanti** għall-pubblikazzjoni. Inwegħduhom li dan nagħmluh magħkom malajr kemm hu possibbli.




# KIF NITTAKILJAW PROBLEMA

Minn Patri Modest Kapuċċin.

Kif intom ħbieb?

Naf li l-kelma "nittakiljaw" hija barbariżmu fil-lingwa tagħna, użajt din il-kelma żgur li mhux biex ninki lil dawk li jiddelettaw bil-Malti imma biex nipprova naqsam magħkom l-ħsieb eżatt ta' dak li nixtieq ngħid.

Jekk infittxu l-kelma "tackle", id-dizjunarju ingliż Oxford jagħtina dawn it-tliet kelmiet "grasping or holding or obstructing of opponent in football". Dan biex ifissrilna li meta nitfaċċaw wiċċ imb'wiċċ mat-trouble għandna nagħmlu minn kollox biex nirbħu l-kontrarjeta u bil-kuraġġ u l-enerġija kollha nikkumbattu sa l-aħħar.

Kif tafu intom it-trouble ħadd ma jridu. Imma ħafna drabi jiġi fuqek u lanqas biss tkun taf kif. Mela l-aħjar ħaġa hija li issa li ninsabu. ftit kwieti nippreparaw ruħna minn issa ħalli nkunu dejjem lesti;—

1. Fittex li żżomm dejjem il-kalma. Moħħok ma jistax jaħdem meta jkun aġitat iżżejjed jew għajjien.

2. Fil-problemi ma għandek qatt tgħaġġel u lanqas tisforza żżejjed. Pressjoni żejda deni tagħmel mhux ġid. It-tweġiba tiġi appena l-moħħ jikkalma. Biż-żmien it-tempesta tgħaddi u l-ajru jiċċara.

3. Ikteb il-fatti fuq biċċa karta, irranġhom fl-ordni tal-priorita' u valuri tagħhom, imbagħad aktarx li s-soluzzjoni taqbeż waħidha f'moħħok.

4. Ħalli s-subkonxju jaħdem. Dan ifisser li mur orqod, iżda l-ewwel għamel l-intenzjoni li tixtieq issib soluzzjoni kif tħoll dik il-problema li jkollok. Għid talba qasira u intelaq.

5. Agħti lok biex ġenwinament tara xi tgħidlek il-kuxjenza. L-intwizzjoni teżisti. Mhux darba jew tnejn smajna li soluzzjoni ta' problema ġiet fil ħolm jew irqad profond.

6. Itlob lil Alla biex Huwa jurik it-triq. Kristu huwa it-triq, il-verita', il-ħajja. Min jemmen fiH ma jintilifx iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem.

7. Fuq kollox nitgħallmuu nżommu dejjem is-"sense of humour".

Il-Mulej ibierek lin-nisa ta' Malta u Għawdex. Paċi u Ġid.

**IR-RIVISTA "DAWL FRANĠISKAN"**

**GĦAT-VIII ĊENTINARJU**

**MIT-TWELID TA' SAN FRANĠISK**

**TNIEDI**

1182 - 1982

# KONKORS

## TA' KITBA LETTERARJA BI SFOND FRANGISKAN

San Franġisk t'Assisi matul ħajtu kiteb diversi ittri ndirizzati lil kategoriji differenti ta' nies. Fost dawn huma ta' ntererss ġenerali l-ittri li huwa kiteb:

a) lill-Insasa Kollha: Reliġjużi, Kjeriċi, Lajċi rġiel u nisa.
b) U lill-Mexxejja tal-popli.

**Kieku San Frangisk kellu jghix fi zmienna x'kien jikteb f'dawn l-ittri tieghu?**

**Punti mportanti għall-parteċipanti:**

- Min jidħol għal dan il-KONKORS irid ifittex li jikteb xogħol letterarju fuq stil ta' ittra fejn jipprova kemm jista' jwassal il-messaġġ franġiskan lil waħda minn dawn il-kategoriji msemmija (a jew b).
- Il-parteċipant irid ifitex li jagħmel jidher l-istil franġiskan fl-kitba tiegħu — huwa San Franġisk li qed jikteb għall-Insara jew għall-Mexxejja ta' żmienna.
- Tul mhux aktar minn 400 kelma.
- Dan il-KONKORS huwa miftuħ għal kulħadd.
- Il-parteċipanti jiġu mifruda f'erba' kategoriji skond l-eta':

  a) minn 14-il-sena l-isfel.
  b) minn 15-il-sena sa 21 sena.
  c) minn 22 sena sat-30.
  d) mill-31 sena 'l fuq.

- Ibgħat ix-xogħol tiegħek direttament lill-EDITUR tar-Rivista, u iffirmah biss b'nome-de-plum. F'envelope separat u magħluq ibgħat ukoll l-isem u l-kunjom proprja flimkien ma' l-indirizz u l-eta'. Fuq l-envelope magħluq (minn barra) ir-repeti l-istess nom-de-plum.
- Żmien biex tibgħat ix-xogħol letterarju tiegħek għandek sa l-aħħar ta' Novembru 1981.
- L-ewwel tlett xogħlijiet rebbieħa minn kull kategorija jingħataw rigal xieraq, fil-waqt li aħna niksbu d-dritt li nippubblikaw ix-xogħol tagħhom fuq din ir-Rivista.

*"Fil-missjoni tagħna għad irridu nkomplu nisħqu iżjed biex inkissru l-mentalita' żbaljata li teżisti fil-familja. Il-ġenituri għadhom ma jistgħux jifhmu kif anke l-ulied bniet għandhom imorru l-iskola."*

Missjunarju kapuċċin.

*"Il-bnedmin qatt ma kellhom f'idejhom ġid hekk kbir, possibilitajiet u qawwa ekonomika, u b'dan kollu biċċa kbira mill-bnedmin għadhom qed ibatu mill-ġuħ, mill-faqar u mill-miżerja, u għadd kbir minnhom għadhom ma jafux jaqraw. Qatt bħal-lum il-bnedmin ma kellhom sentiment hekk qawwi tal-liberta u b'danakollu jeżistu għamliet ġodda ta' jasar soċjali u mentali".*

(Il-Knisja Fid-Dinja Tal-Lum, n.4)

